

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni — It-twettiq ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi

(2018/C 387/11)

Relatur:	Michiel SCHEFFER (NL/ALDE), Membru tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Provinċja ta' Gelderland
Dokumenti ta' referenza:	<p>Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – It-twettiq ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi – Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u l-ħaddiema tagħha</p> <p>COM (2017) 675 final</p> <p>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri</p> <p>COM(2017) 648 final u final/2</p> <p>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank</p> <p>COM(2017) 647 final</p> <p>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija</p> <p>COM(2017) 653 final</p> <p>Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Għall-akbar użu tal-fjuwils alternattivi: Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi skont l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2014/94/UE, li jinkludi valutazzjoni tal-oqfsa nazzjonali ta' politika skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/94/UE</p> <p>COM(2017) 652 final u final/2</p>

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank

COM(2017) 647 – final

Emenda 1

Premessa (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
F'kull Stat Membru jenħtieġ jinħatar korp regolatorju indipendenti u imparzjali biex jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq. Dan il-korp jista' jkun responsabbli wkoll għal setturi regolati oħrajn fosthom is-settur ferrovjarju, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni.	F'kull Stat Membru jenħtieġ jinhattru jew awtoritajiet tat-trasport kompetenti jew korp regolatorju indipendenti u imparzjali biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-suq tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq. Dan il-korp jista' jkun responsabbli wkoll għal setturi regolati oħrajn fosthom is-settur ferrovjarju, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni.

Raġuni

Skont it-Trattat tal-UE, it-trasport tal-passiġġieri huwa servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI). Li jiġi impost korp regolatorju indipendenti jista' jkun sproporzjonat meta s-suq huwa organizzat skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

Emenda 2

Premessa (4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Jenħtieġ li l-operazzjonijiet kummerċjali tas-servizzi regolari ma jkunux jikkompromettu l-bilanċ ekonomiku tal-kuntratti eżistenti tas-servizz pubbliku. Għaldaqstant, il-korp regolatorju jenħtieġ ikun jista' jwettaq analiżi ekonomika oġġettiva biex jiżgura li dan ikun il-każ.	Jenħtieġ li l-operazzjonijiet kummerċjali tas-servizzi regolari ma jkunux jikkompromettu l-bilanċ tal-kuntratti eżistenti tas-servizz pubbliku. Għaldaqstant, il-korp regolatorju jenħtieġ ikun jista' jwettaq analiżi oġġettiva biex jiżgura li dan ikun il-każ. Din l-analiżi għandha tqis il-karatteristiċi rilevanti fl-istruttura u l-ġeografija tas-suq u tan-netwerk affettwati (id-daqs, il-karatteristiċi tad-domanda, il-kumplexità tan-netwerk, l-iżolament ġeografiku u tekniku u s-servizzi koperti mill-kuntratt) kif ukoll jekk is-servizz il-ġdid jirriżultax f'titjib tal-kwalità tas-servizzi jew f'kost-effiċjenza, jew it-tnejn, meta mqabbla mal-kuntratt ta' servizz pubbliku li kien inġhata qabel.

Raġuni

Is-servizzi pubbliċi bħat-trasport ma għandhomx jiġu ġġudikati biss f'termini ekonomiċi iżda f'sens usa' li jinkludi mhux biss kriterji kwantifikabbli ekonomikament iżda anke kwistjonijiet ta' kwalità, ta' sikurezza u ta' koeżjoni territorjali u soċjali. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu japprofitta minn dan ir-rapport biex jagħti gwida dwar xi aspetti li għandhom jiġu evalwati.

Emenda 3

Premessa (6)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-operaturi tas-servizzi regolari jenħtieġ jingħataw drittijiet tal-aċċess għal vendi fl-Unjoni b'mod ġust, ekwu, mhux diskriminatorju u trasparenti ħalli tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq. L-appelli kontra xi deċiżjonijiet li jirrifjutaw jew jillimitaw l-aċċess jenħtieġ jitressqu quddiem il-korp regolatorju.	L-operaturi tas-servizzi regolari jenħtieġ jingħataw drittijiet tal-aċċess għal vendi bi sjieda pubblika fl-Unjoni b'mod ġust, ekwu, mhux diskriminatorju u trasparenti ħalli tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq. Madankollu, il-bilanċ territorjali u l-koeżjoni soċjali m'għandhomx jiġu kompromessi, u għalhekk l-operaturi tas-servizz pubbliku għandu jkollhom aċċess prijoritarju biex jiggarantixxu l-obbligi stabbiliti fil-kuntratt tas-servizz pubbliku mal-awtoritajiet kompetenti. L-appelli kontra xi deċiżjonijiet li jirrifjutaw jew jillimitaw l-aċċess jenħtieġ jitressqu quddiem il-korp regolatorju.

Raġuni

L-aċċess għal vendi għandu jkun prijorità għal operaturi tas-servizz pubbliku li għandhom jikkonformaw mal-obbligi (frekwenzi, skedi, konnessjonijiet, servizzi) stabbiliti fil-kuntratti tas-servizz pubbliku tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 4

Premessa (8)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Għas-servizzi regolari nazzjonali kif ukoll internazzjonali, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ tkun soġġetta għal proċedura tal-awtorizzazzjoni. L-awtorizzazzjoni jenħtieġ tingħata, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet speċifiċi għal rifjut marbuta mal-applikant, jew sakemm is-servizz ma jkunx jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' xi kuntratt tas-servizz pubbliku. Jenħtieġ jiddaħħal limitu tad-distanza biex ikun żgurat li l-operazzjonijiet kummerċjali tas-servizzi regolari ma jkunux jikkompromettu l-bilanċ ekonomiku tal-kuntratti eżistenti tas-servizz pubbliku. Jekk xi rotot ikunu diġà moqdiya b'aktar minn kuntratt tas-servizz pubbliku wieħed, jenħtieġ ikun possibbli li dan il-limitu jiżdied.</p>	<p>Għas-servizzi regolari nazzjonali kif ukoll internazzjonali, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ tkun soġġetta għal proċedura tal-awtorizzazzjoni. L-awtorizzazzjoni jenħtieġ tingħata, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet speċifiċi għal rifjut marbuta mal-applikant, jew sakemm is-servizz ma jkunx jikkomprometti l-bilanċ ta' xi kuntratt tas-servizz pubbliku. Il-bilanċ ta' kuntratt tas-servizz pubbliku għandu jqis il-vijabilità ekonomika tiegħu, iżda wkoll is-servizzi offriti liċ-ċittadini f'termini ta' konnessjonijiet, ta' ppjanar tal-vjaġġi intermodali, ta' kwalità, ta' effiċjenza, ta' adattament għad-domanda, ta' sikurezza u ta' sigurtà. L-istandards ambjentali u soċjali għandhom jiġu rrispettati waqt l-għoti tas-servizzi.</p>

Raġuni

Is-servizzi pubbliċi bħat-trasport ma' għandhomx jiġu ġġudikati biss f'termini ekonomiċi iżda f'sens usa' li jinkludi mhux biss kriterji kwantifikabbli ekonomikament iżda anke kwistjonijiet ta' kwalità, ta' sikurezza u ta' koeżjoni territorjali u soċjali. Il-bilanċ ta' kuntratt tas-servizz pubbliku għandu jqis il-vijabilità ekonomika tiegħu, iżda anke l-kwalità tas-servizz offrit liċ-ċittadini. Il-konformità mal-istess standards ambjentali u soċjali hija prerekwiżit għal kompetizzjoni ġusta.

Emenda 5

Premessa (13)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sa fejn dan ir-Regolament jarmonizza r-regoli fis-swieq nazzjonali tas-servizzi regolari tat-trasport bil-kowċ u x-xarabank u l-aċċess għall-vendi, l-għanijiet tiegħu, jiġifieri l-promozzjoni tal-mobbiltà interurbana u ż-żieda fis-sehem modali tal-modi tat-trasport sostenibbli tal-passiġġieri, ma jstgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri. Għaldaqstant, l-UE tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa.</p>	

Raġuni

Il-kwistjonijiet ta' aċċess għall-vendi lokali u għas-swieq tat-trasport pubbliku reġjonali huma marbutin mill-qrib mas-sussidjarjetà.

Emenda 6

Artikolu 1, punt (2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
l-Artikolu 2 hu emendat kif ġej:	l-Artikolu 2 hu emendat kif ġej:
(...)	(...)
(c) jiżdiedu il-punti 9 sa 11 li ġejjin:	(c) jiżdiedu il-punti 9 sa 11 li ġejjin:
“9. “venda” tfisser faċilità b’superfiċje minima ta’ 600 m² , li ttiprovdi post ta’ parkeġġ għall-kowċijiet u x-xarabank biex irikkbu u jniżżlu l-passiġġieri.	“9. Soġġett għad-definizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali , “venda” tfisser kull faċilità bi sjieda pubblika , li ttiprovdi post ta’ parkeġġ għall-kowċijiet u x-xarabank biex irikkbu u jniżżlu l-passiġġieri.
(...)	(...)

Raġuni

L-Istati Membri għandu jkollhom marġni ta’ diskrezzjoni. Ir-referenza għal superfiċje minima ta’ 600 m² għandha titħassar biex ma tipperikolax vendi fi bliet żgħar u żoni rurali b’daqg iżgħar ta’ superfiċje iżda li l-funzjoni tagħhom hija essenzjali għall-konnessjoni mal-bliet ewlenin.

Emenda 7

Artikolu 1, punt (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
qabel il-Kapitlu II, jiddaħħal dan l-Artikolu 3a li ġej:	qabel il-Kapitlu II, jiddaħħal dan l-Artikolu 3a li ġej:
“Artikolu 3a	“Artikolu 3a
Il-korp regolatorju	Il-korp regolatorju
1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp regolatorju nazzjonali uniku għas-settur tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq. Dan il-korp għandu jkun awtorità imparzjali li, mil-lat organizzattiv, funzjonali, ġerarkiku u fit-teħid tad-deċiżjonijiet, tkun distinta legalment u indipendenti minn kull entità pubblika jew privata oħra. Dan għandu jkun indipendenti minn kull awtorità kompetenti involuta fl-għoti ta’ xi kuntratt tas-servizz pubbliku.	1. Skont l-organizzazzjoni tas-suq tas-servizzi domestiċi tiegħu, kull Stat Membru għandu jaħtar korp regolatorju nazzjonali uniku għas-settur tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq. Dan il-korp għandu jkun jew awtorità kompetenti fil-qasam tat-trasport jew awtorità imparzjali li, mil-lat organizzattiv, funzjonali, ġerarkiku u fit-teħid tad-deċiżjonijiet, tkun distinta legalment u indipendenti minn kull entità pubblika jew privata oħra. Fit-tieni każ, dan għandu jkun indipendenti minn kull awtorità kompetenti involuta fl-għoti ta’ xi kuntratt tas-servizz pubbliku.
Il-korp regolatorju jista’ jkun responsabbli għal setturi regolati oħra.	Il-korp regolatorju jista’ jkun responsabbli għal setturi regolati oħra.

Raġuni

Servizzi kummerċjali ġodda ma għandhomx jkunu ta' tfixkil biex jintlaħqu l-missjoni ta' SIEĠ (servizz ta' interess ekonomiku ġenerali) u l-obbligi tas-servizz pubbliku. L-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibilità li jagħżlu bejn korp regolatorju indipendenti jew awtorità kompetenti fil-qasam tat-trasport li għandha għarfien dwar il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tal-utenti.

Emenda 8

Artikolu 1, punt (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
qabel il-Kapitlu II, jiddaħħal dan l-Artikolu 3a li ġej:	qabel il-Kapitlu II, jiddaħħal dan l-Artikolu 3a li ġej:
“Artikolu 3a Il-korp regolatorju (...)	“Artikolu 3a Il-korp regolatorju (...)
3. Il-korp regolatorju għandu jwettaq dawn il-kompiti li ġejjin:	3. Il-korp regolatorju għandu jwettaq dawn il-kompiti li ġejjin:
(a) jagħmel analiżijiet ekonomiċi dwar jekk xi servizz ġdid propost ikunx qed jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' xi kuntratt tas-servizz pubbliku;	(a) jagħmel analiżijiet dwar jekk xi servizz ġdid propost ikunx qed jikkomprometti l-bilanċ ta' xi kuntratt tas-servizz pubbliku u jkollux impatt negattiv fuq il-kwalità tas-servizz ipprovdut liċ-ċittadini b'kont meħud, fost oħrajn, ta' kwistjonijiet dwar konnessjonijiet disponibbli, frekwenza, nollijiet, ippjanar tal-vjaġġi intermodali jew sikurezza kif ukoll il-konformità mal-istandards ambjentali u soċjali waqt l-għoti tas-servizzi;
(b) jiġbor u jipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-vendi;	(b) jiġbor u jipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-vendi;
(c) jiddeċiedi dwar l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-operaturi tal-vendi.	(c) jiddeċiedi dwar l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-operaturi tal-vendi.

Raġuni

Il-konformità mal-istess standards ambjentali u soċjali hija prerekwiżit għal kompetizzjoni ġusta.

Emenda 9

Artikolu 1, punt (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
qabel il-Kapitlu II, jiddaħħal dan l-Artikolu 3a li ġej:	qabel il-Kapitlu II, jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:
“Artikolu 3a Il-korp regolatorju (...)	“Artikolu 3a Il-korp regolatorju (...)
3. Il-korp regolatorju għandu jwettaq dawn il-kompiti li ġejjin:	3. Il-korp regolatorju għandu jwettaq dawn il-kompiti li ġejjin:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(...)	(...)
(b) jiġbor u jipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-vendi; u	(b) jiġbor u jipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għat-terminals bl-għan li jiġi żgurat li l-aċċess għat-terminals rilevanti għal operaturi ta' servizz huwa mogħti skont proċess ġust, ekwu, mhux diskriminatorju u trasparenti ; u
(c) jiddeċiedi dwar l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-operaturi tal-vendi.	(c) jiddeċiedi dwar l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-operaturi tal-vendi.

Raġuni

Il-karozzi tal-linja u kowċis huma fost l-aktar mezzi ta' trasport aċċessibbli u l-aktar importanti fl-UE. Għalhekk huwa importanti ħafna li l-passiġġieri jirċievu l-aħjar servizz possibbli u għal dak il-għan kompetizzjoni ġusta u b'saħħitha hija l-aħjar mod biex jinkiseb dan.

Emenda 10

Artikolu 1, punt (6)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
jiddaħħal dan l-Artikolu 5a li ġej:	jiddaħħal dan l-Artikolu 5a li ġej:
“Artikolu 5a	“Artikolu 5a
L-aċċess għall-vendi	L-aċċess għall-vendi
(...)	(...)
2. L-operaturi tal-vendi għandhom jaġhmlu hilitom biex jilqgħu t-talbiet kollha għall-aċċess biex jiżguraw l-aqwa użu tal-vendi.	2. L-operaturi tal-vendi għandhom jaġhmlu hilitom biex jilqgħu t-talbiet kollha għall-aċċess biex jiżguraw l-aqwa użu tal-vendi u l-konformità mal-obbligi ta' servizz pubbliku .
It-talbiet għall-aċċess jistgħu jiġu rifjutati biss meta jkun hemm bażi ta' nuqqas ta' kapaċità.	It-talbiet għall-aċċess jistgħu jiġu rifjutati meta jkun hemm bażi ta' nuqqas ta' kapaċità jew jekk it-talba tkun tiddeterjora s-servizzi disponibbli għaċ-ċittadini f'termini ta' aċċess għal konnessjonijiet, tirrestrinġi l-konnessjonijiet, tikkomprometti s-sikurezza u s-sigurtà jew il-kwalità ġenerali tas-servizzi offruti; jekk tali deċiżjoni tittieħed minn operatur ta' venda, għandha tiġi komunikata wkoll lill-awtorità regolatorja .
Meta operatur ta' venda jirrifjuta talba għall-aċċess, dan għandu jindika kwalunkwe alternattiva vijabbli.	

Raġuni

M'huwiex il-kompitu tal-operatur tal-vendi biex iwettaq riċerka dwar l-alternattivi vijabbli. Barra minn hekk, l-aċċess għall-vendi għandu jkun marbut ma' kwistjonijiet ta' kwalità ta' servizzi għall-konsumaturi u s-sikurezza u s-sigurtà tagħhom. Barra dan, id-dritt ta' aċċess għal vendi m'għandux ikun ta' tfixkil biex jintlaħqu l-għanijiet pubbliċi, il-missjoni u l-obbligi tas-servizz pubbliku ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali.

B'mod speċjali fil-bliet bi tniġġis ta' partikuli fini, jista' jkun hemm il-ħtieġa għall-restrizzjoni ibbażata fuq l-istandards ambjentali.

Emenda 11

Artikolu 1, punt (9)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:</p> <p>“Artikolu 8</p> <p>Il-proċedura tal-awtorizzazzjoni għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri fuq distanza inqas minn 100 km f'linja dritta</p> <p>1. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu bi ftehim mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fit-territorju tagħhom il-passiġġieri jitrakkbu jew jitniżżlu u jiġu ttrasportati għal distanza inqas minn 100 km f'linja dritta. L-awtorità awtorizzanti għandha tibgħat kopja tal-applikazzjoni, flimkien ma' kopji ta' dokumenti rilevanti oħrajn, fi żmien ġimagħtejn minn meta dawn l-awtoritajiet kompetenti jirċievu l-applikazzjoni b'talba għall-qbil tagħhom. Fl-istess ħin, l-awtorità awtorizzanti għandha tibgħat dawn id-dokumenti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra li t-territorji tagħhom jiġu traversati, għall-finijiet ta' informazzjoni.</p> <p>(...)</p>	<p>L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:</p> <p>“Artikolu 8</p> <p>Il-proċedura tal-awtorizzazzjoni għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri</p> <p>1. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu bi ftehim mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fit-territorju tagħhom il-passiġġieri jitrakkbu jew jitniżżlu. L-awtorità awtorizzanti għandha tibgħat kopja tal-applikazzjoni, flimkien ma' kopji ta' dokumenti rilevanti oħrajn, fi żmien ġimagħtejn minn meta dawn l-awtoritajiet kompetenti jirċievu l-applikazzjoni b'talba għall-qbil tagħhom. Fl-istess ħin, l-awtorità awtorizzanti għandha tibgħat dawn id-dokumenti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra li t-territorji tagħhom jiġu traversati, għall-finijiet ta' informazzjoni.</p> <p>(...)</p>

Raġuni

Id-Deċiżjoni dwar jekk jiġux aċċettati jew le s-servizzi tat-trasport ma' għandhiex tkun tiddependi fuq id-distanza (100 km f'linja dritta) iżda pjuttost fuq l-impatt li s-servizz addizzjonali jista' jkollu fuq is-servizz eżistenti offrut liċ-ċittadini (kemm jekk ikun servizz ta' interess pubbliku ġenerali kif ukoll jekk servizz kummerċjali). Barra minn hekk, id-differenzi reġjonali (eż. f'termini ta' distanza bejn il-bliet u ċ-ċentri ekonomiċi) ġeneralment ma jistgħux jiġu mkejla għall-UE kollha kemm hi.

Emenda 12

Artikolu 1, punt (10)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>jiddaħħlu dawn l-Artikoli 8a sa 8d li ġejjin:</p> <p>“Artikolu 8a</p> <p>Il-proċedura tal-awtorizzazzjoni għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri fuq distanza ta' 100 km jew iżjed f'linja dritta</p> <p>1. L-awtorità awtorizzanti għandha tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fi żmien xahrejn mid-data meta t-trasportatur iressaq l-applikazzjoni.</p>	<p>jiddaħħlu dawn l-Artikoli 8a sa 8b li ġejjin:</p> <p>“Artikolu 8a</p> <p>Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet awtorizzanti</p> <p>1. Bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 l-awtorità awtorizzanti għandha tagħti l-awtorizzazzjoni, tagħti l-awtorizzazzjoni b'limitazzjonijiet jew tirrifuta l-applikazzjoni. L-awtorità awtorizzanti għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti kollha msemmija fl-Artikolu 8(1) bid-deċiżjoni tagħha.</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata għajr meta r-rifjut ikun jista' jiġi ġġustifikat minħabba xi waħda mir-raġunijiet elenkati fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 8c(2).</p> <p>3. L-awtorità awtorizzanti għandha tibgħat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fit-territorju tagħhom jitrakkbu jew jitniżżlu l-passiġġieri, kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li t-territorji tagħhom jiġu traversati mingħajr ma l-passiġġieri jitrakkbu jew jitniżżlu, kopja tal-applikazzjoni, flimkien ma' kopji ta' dokumenti rilevanti oħrajn, u l-valutazzjoni tagħha, għall-finijiet ta' informazzjoni.</p> <p>Artikolu 8b</p> <p>Il-proċedura tal-awtorizzazzjoni għas-servizzi regolari nazzjonali</p> <p>1. L-awtorità awtorizzanti għandha tiegħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fi żmien xahrejn mid-data meta t-trasportatur iressaq l-applikazzjoni. Dan jista' jiġi estiż għal erba' xhur meta tintalab analiżi skont l-Artikolu 8c(2)(d).</p> <p>2. L-awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari nazzjonali għandhom jingħataw għajr meta r-rifjut ikun jista' jiġi ġġustifikat minħabba xi waħda mir-raġunijiet elenkati fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 8c(2) u, jekk is-servizz hu l-ġarr tal-passiġġieri għal distanzi inqas minn 100 km f'linja dritta, l-Artikolu 8c(2)(d).</p>	<p>2. Id-deċiżjonijiet li applikazzjoni ġiet rifjutata jew li nġhatat b'limitazzjonijiet għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom.</p> <p>L-awtorizzazzjoni għandha tingħata għajr meta r-rifjut ikun jista' jiġi ġġustifikat minħabba xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:</p> <p>(a) (...)</p> <p>(...)</p> <p>(d) jekk b'analiżi oġġettiva, il-korp regolatorju jistabbilixxi li s-servizz ikun jikkomprometti l-bilanċ ta' xi kuntratt tas-servizz pubbliku.</p> <p>L-awtoritajiet awtorizzanti ma għandhomx jirrifjutaw applikazzjoni sempliċiment għax it-trasportatur ikun qed joffri prezzijiet orħos minn daww offriti minn trasportaturi bit-triq oħrajn jew għax ir-rotta inkwistjoni tkun diġà qed issir minn trasportaturi bit-triq oħrajn u jekk jintwera teknikament li dawn il-prezzijiet aktar baxxi jiggarrantixxu l-forniment tas-servizz matul il-perjodu kollu ta' validità tal-kuntratt.</p> <p>(...)</p> <p>Article 8b</p> <p>Restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess</p> <p>1. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt tal-aċċess għas-suq nazzjonali u internazzjonali għas-servizzi regolari jekk is-servizz ikun jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' xi kuntratt tas-servizz pubbliku jew jekk ikun jirrigwarda fornituri li jkunu ġew issanzjonati mill-amministrazzjonijiet kompetenti talli jkunu wettqu prattiki kontra l-garanziji tas-servizz.</p> <p>2. L-awtoritajiet kompetenti li jkunu taw kuntratt tas-servizz pubbliku jew l-operaturi tas-servizz pubbliku li jkunu qed iwettqu l-kuntratt tas-servizz pubbliku jistgħu jitolbu lill-korp regolatorju biex iwettaq analiżi dwar jekk ikunx kompromess il-bilanċ tal-kuntratt tas-servizz pubbliku.</p> <p>Il-korp regolatorju għandu jeżamina t-talba u jiddeċiedi jekk għandhiex issir l-analiżi. Dan għandu jinforma lill-partijiet interessati bid-deċiżjoni tiegħu.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>3. Id-distanza msemmija fil-paragrafu 2 tista' tiżdied għal 120 km jekk is-servizz regolari li se jiddaħħal ikun jaqdi punt tat-tluq u destinazzjoni li diġà huma moqdiya b'aktar minn kuntratt tas-servizz pubbliku wieħed.</p> <p>Artikolu 8c</p> <p>Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet awtorizzanti</p> <p>1. Bil-proċedura stabbilita fl-Artikoli 8, 8a jew 8b, l-awtorità awtorizzanti għandha tagħti l-awtorizzazzjoni, tagħti l-awtorizzazzjoni b'limitazzjonijiet jew tirrifjuta l-applikazzjoni. L-awtorità awtorizzanti għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti kollha msemmija fl-Artikolu 8 (1) bid-deċiżjoni tagħha.</p> <p>2. Id-deċiżjonijiet li applikazzjoni ġiet rifjutata jew li nġhatat b'limitazzjonijiet għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom.</p> <p>L-awtorizzazzjoni għandha tingħata għajr meta r-rifjut ikun jista' jiġi ġġustifikat minħabba xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:</p> <p>(a) (...)</p> <p>(...)</p> <p>(d) jekk b'analiżi ekonomika oġġettiva, il-korp regolatorju jistabbilixxi li s-servizz ikun jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' xi kuntratt tas-servizz pubbliku.</p> <p>L-awtoritajiet awtorizzanti ma għandhomx jirrifjutaw applikazzjoni sempliċiment għax it-trasportatur ikun qed joffri prezzijiet orħos minn dawk offruti minn trasportaturi bit-triq oħrajn jew għax ir-rotta inkwistjoni tkun diġà qed issir minn trasportaturi bit-triq oħrajn.</p> <p>(...)</p> <p>Article 8d</p> <p>Restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess</p> <p>1. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt tal-aċċess għas-suq nazzjonali u internazzjonali għas-servizzi regolari jekk is-servizz regolat propost ikun jittrasporta passiġġieri għal distanzi inqas minn 100 km f'linja dritta u jekk is-servizz ikun jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' xi kuntratt tas-servizz pubbliku.</p>	<p>3. Meta l-korp regolatorju jagħmel analiżi, dan għandu jinforma lill-partijiet interessati kollha bir-riżultati ta' dik l-analiżi u bil-konklużjonijiet tiegħu fi żmien sitt ġimgħat minn meta tkun waslet l-informazzjoni rilevanti kollha. Il-korp regolatorju jista' jikkonkludi li l-awtorizzazzjoni għandha tingħata, għandha tingħata b'xi kundizzjonijiet, jew għandha tiġi rifjutata.</p> <p>Il-konklużjonijiet tal-korp regolatorju għandhom ikunu vinkolanti fuq l-awtoritajiet awtorizzanti.</p> <p>(...)</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. L-awtoritajiet kompetenti li jkunu taw kuntratt tas-servizz pubbliku jew l-operaturi tas-servizz pubbliku li jkunu qed iwettqu l-kuntratt tas-servizz pubbliku jistgħu jitolbu lill-korp regolatorju biex iwettaq analiżi dwar jekk ikunx kompromess il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt tas-servizz pubbliku. Il-korp regolatorju għandu jeżamina t-talba u jiddeċiedi jekk għandhiex issir l-analiżi ekonomika. Dan għandu jinforma lill-partijiet interessati bid-deċiżjoni tiegħu.</p> <p>3. Meta l-korp regolatorju jagħmel analiżi ekonomika, dan għandu jinforma lill-partijiet interessati kollha bir-riżultati ta' dik l-analiżi u bil-konklużjonijiet tiegħu fi żmien sitt għingħat minn meta tkun waslet l-informazzjoni rilevanti kollha. Il-korp regolatorju jista' jikkonkludi li l-awtorizzazzjoni għandha tingħata, għandha tingħata b'xi kundizzjonijiet, jew għandha tiġi rifjutata.</p> <p>Il-konklużjonijiet tal-korp regolatorju għandhom ikunu vinkolanti fuq l-awtoritajiet awtorizzanti.</p> <p>(...)</p>	

Raġuni

Id-Deċiżjoni dwar jekk jiġux aċċettati jew le s-servizzi tat-trasport ma' għandhiex tkun tiddependi fuq id-distanza (100 km f'linja dritta) iżda pjuttost fuq l-impatt li s-servizz addizzjonali jista' jkollu fuq is-servizz eżistenti offrut liċ-ċittadini (kemm jekk ikun servizz ta' interess pubbliku ġenerali kif ukoll jekk servizz kummerċjali). Barra minn hekk, id-differenzi reġjonali (eż. f'termini ta' distanza bejn il-bliet u ċ-ċentri ekonomiċi) ġeneralment ma jistgħux jiġu mkejla għall-UE kollha kemm hi.

Article 8a: services offered at lower prices should not be immediately rejected if the viability of the service is guaranteed for the entire duration of the contract. Article 8b: a restriction should be introduced for service providers who have been penalised.

Emenda 13

Artikolu 1, punt (14)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Jitħassar l-Artikolu 13</p>	

Raġuni

Huwa meħtieġ li jiġi introdott mill-ġdid l-artikolu rilevanti sabiex jiġi żgurat li eskursjonijiet lokali huma meqjusa bħala servizz ta' trasport internazzjonali wieħed minflok bħala operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri

COM(2017) 648 – final

Emenda 14

Premessa 13

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(13) (...) Bħala medja, jenħtieġ li tal-inqas wieħed mit-terminals xierqa tat-trażbord għat-trasport ikkombinat ikun jinsab sa 150 km 'il bogħod minn post tat-trażbord fl-Unjoni.</p>	<p>(13) (...) Bħala medja, jenħtieġ li tal-inqas wieħed mit-terminals xierqa tat-trażbord għat-trasport ikkombinat ikun jinsab sa 150 km 'il bogħod minn post tat-trażbord fl-Unjoni ħlief f'reġjuni periferiċi u ultra-periferiċi fejn il-limitazzjonijiet ġeografiċi jew jagħmlu dan impossibbli jew l-investimenti infrastrutturali jkunu bi spejjeż eċċessivi fir-rigward tal-għan tad-Direttiva li tippromovi t-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal mezzi ta' trasport aktar ekoloġiċi.</p>

Raġuni

Dan ir-rekwiżit jista' jkun problematiku għal reġjuni periferiċi (żoni b'densità tal-popolazzjoni baxxa u b'netwerks ferrovjarji u portwarji b'distribuzzjoni skarsa) u jista' jwassal għall-kostruzzjoni ta' terminals fejn ma hemm l-ebda hteġa ekonomika għalihom.

Emenda 15

Artikolu 1, punt (5)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(5) Fl-Artikolu 6, jiżdiedu dawn il-paragrafi 4, 5, 6, 7 u 8 li ġejjin:</p> <p>"4. Meta meħtieġ, biex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-paragrafu 9, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw l-investment fit-terminals tat-trażbord fejn jidħlu:</p> <p>(a) il-bini u, fejn meħtieġ, l-espansjoni ta' dawn it-terminals tat-trażbord għat-trasport ikkombinat;</p> <p>(b) iż-żieda fl-effiċjenza operattiva fit-terminals eżistenti.</p>	<p>(5) Fl-Artikolu 6, jiżdiedu dawn il-paragrafi 4, 5, 6, 7 u 8 li ġejjin:</p> <p>"4. Meta meħtieġ, biex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-paragrafu 9, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw l-investment fit-terminals tat-trażbord fejn jidħlu:</p> <p>(a) il-bini u, fejn meħtieġ, l-espansjoni ta' dawn it-terminals tat-trażbord għat-trasport ikkombinat;</p> <p>(b) iż-żieda fl-effiċjenza operattiva fit-terminals eżistenti.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw mal-Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni u jiżguraw li, meta jkunu qed jitwettqu dawn il-miżuri, tingħata prijorità biex tkun żgurata distribuzzjoni ġeografika bilanċjata u suffiċjenti għal faċilitajiet xierqa fl-Unjoni, u b'mod partikolari fejn jidħlu n-netwerks Ewlenin u Komprensivi tat-TEN-T, b'mod li kull post ġeografiku fl-Unjoni ma jkunx jinsab aktar 'il bogħod minn 150 km minn dan it-terminal.	L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw mal-Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni u jiżguraw li, meta jkunu qed jitwettqu dawn il-miżuri, tingħata prijorità biex tkun żgurata distribuzzjoni ġeografika bilanċjata u suffiċjenti għal faċilitajiet xierqa fl-Unjoni, u b'mod partikolari fejn jidħlu n-netwerks Ewlenin u Komprensivi tat-TEN-T, b'mod li kull post ġeografiku fl-Unjoni ma jkunx jinsab aktar 'il bogħod minn 150 km minn dan it-terminal ħief f'reġjuni periferiċi u ultraperiferiċi fejn il-limitazzjonijiet ġeografiċi jew jagħmlu dan impossibbli jew l-investimenti infrastrutturali jkunu bi spejjeż eċċessivi fir-rigward tal-għan tad-Direttiva li tippromovi t-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal mezzi ta' trasport aktar ekoloġiċi.

Raġuni

Ara l-Emenda 12.

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija

COM(2017) 653 final

Emenda 16

Żid premessa ġdida wara l-premessa (16)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Il-potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz tal-akkwist pubbliku waħdu huwa limitat u t-trasport pubbliku jikkontribwixxi biss għal sehem żgħir tal-emissjonijiet li joriġinaw mis-settur tat-trasport. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiġu mħeġġa jirregolaw ix-xiri ta' vetturi nodfa min-naħa ta' sidien oħra ta' flotot, bħal pereżempju kumpaniji tat-taksi, tal-kiri ta' karozzi u ta' ride-pooling.

Raġuni

Huwa biss sehem żgħir (8 % tal-emissjonijiet tat-trasport) li joriġina mit-trasport pubbliku; madankollu, il-proposta għal Direttiva tindirizza prinċipalment il-vetturi tat-trasport pubbliku. Sabiex dan jiġi bilanċjat u biex jintlaħaq l-għan ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, fid-Direttiva għandhom jiġu inklużi flotot kbar oħrajn.

Emenda 17

Żid premessa ġdida wara l-premessa (19)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Il-koerenza ma' leġiżlazzjoni preċedenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-vetturi, l-enerġija rinnovabbli u l-fjuwils alternattivi, b'mod partikolari mar-Regolament (KE) Nru 595/2009, mad-Direttiva 2009/28/KE u mad-Direttiva 2014/94/UE jeħtieġ li tissaħħaħ.

Raġuni

Il-leġislazzjoni tal-UE għandha tkun konsistenti, koerenti u tirregola fl-istess direzzjoni.

Emenda 18

Artikolu 1, punt (2)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej: "Artikolu 3 Kamp ta' applikazzjoni Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kuntratti tax-xiri, tal-kiri, tat-twellija jew tax-xiri bin-nifs ta' vetturi tat-trasport bit-triq minn:	L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej: "Artikolu 3 Kamp ta' applikazzjoni Din id-Direttiva m'għandux ikollha effett retroattiv fuq kuntratti eżistenti iżda tiġi applikata biss għall-kuntratti ġodda tax-xiri, tal-kiri, tat-twellija jew tax-xiri bin-nifs ta' vetturi tat-trasport bit-triq minn:

Raġuni

Il-kuntratti li għaddejjin bħalissa jeħtieġ jiġu protetti u ma jistgħux jiġu affettwati mil-leġislazzjoni l-ġdida.

Emenda 19

Artikolu 1, punt (2)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej: "Artikolu 3 Kamp ta' applikazzjoni Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kuntratti tax-xiri, tal-kiri, tat-twellija jew tax-xiri bin-nifs ta' vetturi tat-trasport bit-triq minn: (...)	L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej: "Artikolu 3 Kamp ta' applikazzjoni Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kuntratti tax-xiri, tal-kiri, tat-twellija jew tax-xiri bin-nifs ta' vetturi tat-trasport bit-triq minn: (...) (d) sidien oħra, bħal pereżempju kumpaniji tat-taxis, tal-ċar sharing u tar-ride-pooling jekk Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi mekkaniżmi biex jirregola x-xiri ta' vetturi nodfa għal tali sidien ta' flotot."

Raġuni

Huwa biss sehem żgħir (8 % tal-emissjonijiet tat-trasport) li joriġina mit-trasport pubbliku; madankollu, il-proposta għal Direttiva tindirizza prinċipalment il-vetturi tat-trasport pubbliku. Sabiex dan jiġi bbilanċjat u biex jintlaħaq l-għan ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, fid-Direttiva għandhom jiġu inklużi flotot kbar oħrajn.

Emenda 20

Anness

Test proposit mill-Kummissjoni					Emenda tal-KtR																													
<p>Tabella 5: Mira minima għas-sehem tal-vetturi tqal skont it-Tabella 3 fl-akkwist pubbliku kollu tal-vetturi tqal fil-livell tal-Istati Membri*</p>					<p>Tabella 5: Mira minima għas-sehem tal-vetturi tqal skont it-Tabella 3 fl-akkwist pubbliku kollu tal-vetturi tqal fil-livell tal-Istati Membri*</p>																													
<table border="1"> <thead> <tr> <th>Stat Membru</th> <th colspan="2">Trakkijiet</th> <th colspan="2">Xarabanks</th> </tr> </thead> <tbody> <tr> <td></td> <td>2025</td> <td>2030</td> <td>2025</td> <td>2030</td> </tr> </tbody> </table>					Stat Membru	Trakkijiet		Xarabanks			2025	2030	2025	2030	<table border="1"> <thead> <tr> <th>Stat Membru</th> <th colspan="2">Trakkijiet</th> <th colspan="2">Xarabanks</th> </tr> </thead> <tbody> <tr> <td></td> <td>(XXXX- (**)- 2025)</td> <td>(2026 – 2030)</td> <td>(XXXX- (**)- 2025)</td> <td>(2026 – 2030)</td> </tr> <tr> <td colspan="5">(**) 24 xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 2</td> </tr> </tbody> </table>					Stat Membru	Trakkijiet		Xarabanks			(XXXX- (**)- 2025)	(2026 – 2030)	(XXXX- (**)- 2025)	(2026 – 2030)	(**) 24 xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 2				
Stat Membru	Trakkijiet		Xarabanks																															
	2025	2030	2025	2030																														
Stat Membru	Trakkijiet		Xarabanks																															
	(XXXX- (**)- 2025)	(2026 – 2030)	(XXXX- (**)- 2025)	(2026 – 2030)																														
(**) 24 xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 2																																		

Raġuni

Il-mira għandha tkun waħda medja għal kuntratti ġodda fuq perjodu ta' snin sabiex titħalla flessibilità għal oġġetti ta' akkwist li jvarjaw minn sena għal sena (traffiku fil-belt, traffiku fil-kampanja, eċċ.). ** 24 xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 2

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Messaġġi prinċipali

1. jappoġġja l-mira tal-Kummissjoni li ssahħha il-kapaċità tal-Ewropa biex taffaċċja l-isfida tat-tibdil fil-klima u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħha, filwaqt li fl-istess ħin iżżomm u testendi l-vantaġġ kompetittiv tal-industriji tagħna billi toħloq impjegi, tiġġenera tkabbir ekonomiku sostenibbli u tixpruna l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli; jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni li ssir il-mexxejja dinjija fl-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni u jqis it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju kemm bħala opportunità kif ukoll bħala sfida għall-industrija tal-UE;
2. jissottolinja l-importanza ta' sistemi tat-trasport effiċjenti, effettivi u sostenibbli għall-kompetittività ekonomika tal-bliet u r-reġjuni, kif ukoll għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni Ewropea;
3. jindika li, ta' spiss, il-mobbiltà u t-trasport huma kompetenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki dwar il-mobbiltà u għall-provvediment tat-trasport pubbliku fiż-żona tagħhom, għalkemm id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fil-livell lokali ta' spiss huma relatati ma' qafas stabbilit mill-politika nazzjonali u tal-UE;
4. jirrikonoxxi li t-trasport huwa responsabbli għal kważi 20 % tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra (GHG) fl-Ewropa. Dan huwa l-uniku settur li fih il-livelli GHG ma naqsux meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Hija meħtieġa b'mod urġenti azzjoni li tiddekarbonizza s-settur tat-trasport, għalkemm għandu jiġi enfasizzat ukoll, li proporzjon żgħir biss tal-emissjonijiet ġej mit-trasport pubbliku;
5. jindika li t-tranżizzjoni lejn emissjonijiet baxxi u emissjonijiet zero ta' materja partikulata u NOx hija ta' benefiċċju għall-ħajja taċ-ċittadini Ewropej, speċjalment fil-bliet, fejn it-traffiku urban dens u li jniġġes ħafna jaggrava l-problemi relatati mal-ħajja u s-saħħa tan-nies;
6. jirrimarka li t-trasport pubbliku lokali diġà jirrappreżenta miżura importanti fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni u l-promozzjoni tal-mobbiltà elettronika fil-bliet. Ħafna bliet għandhom mobiltà elettronika bbażata fuq ferroviji li hija żviluppata sew fil-forma ta' metros, trammijiet u trolleybuses. Huwa importanti li dawn il-miżuri, kif ukoll il-flotta kollha tal-vetturi ta' belt jew reġjun, jittieħdu inkonsiderazzjoni fil-kuntest tal-akkwist pubbliku ta' vetturi tat-trasport bit-triq nodfa. Il-fatt li jissema biss is-settur tax-xarabanks mhux biżżejjed;

7. jissottolinja l-fatt li kwalunkwe bidla fis-sistema tat-trasport f'termini ta' fjuwils li għandhom jintużaw, għandha tqis id-differenzi reġjonali fid-densità tat-traffiku u d-distanza bejn il-bliet u ċentri oħra ta' interess ekonomiku. Id-diskriminazzjoni fil-forma ta' spejjeż ogħla għal postijiet remoti, periferiċi jew ultraperiferiċi sabiex jintlaħaq in-network Ewropew se tkompli taffettwa b'mod negattiv il-koeżjoni territorjali u soċjali;

8. jinnota li l-ekoloġizzazzjoni tal-użu tal-vetturi bil-mutur għandha tippromovi ċ-ċikliżmu (maħsub għall-ġarr ta' oġġetti) għal vjaġġi qosra (f'konformità mal-"Pjan Direzzjonali tal-UE għaċ-Ċikliżmu" (2017/C 088/10), kif ukoll it-trasport ferrovjarju u t-tbaħħir ekoloġiku. Dan jrrikjedi network ta' nodi intermodali, li għalihom għandu jkun disponibbli finanzjament xieraq, pereżempju permezz tal-FEIS. Ir-roti elettroniċi li jinstantu b'veloċità (speed pedelecs) huma alternattiva tajba għall-karozza speċjalment f'żoni urbani u jistgħu jwasslu għal inqas emissjonijiet filwaqt li l-attività fiżika hija tajba wkoll għas-saħħa pubblika. L-użu tar-rotta elektronika jista' jiġi stimulat billi jinħolqu mogħdijiet riżervati għar-roti li jinstantu b'veloċità u punti ta' ċċarġjar suffiċjenti, u permezz ta' inċentivi;

9. l-ippjanar spazjali u urban jista' jippromovi l-użu ta' forom nodfa ta' mobbiltà. Il-mobilità nadifa tinvolvi t-tnaqqis tal-NOx u l-emissjonijiet tal-materja partikolata fil-livell lokali, u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 fil-livell dinji. Fl-ippjanar urban, għandha tiġi promossa l-aċċessibilità bil-mixi, bir-rotta u bit-trasport pubbliku u l-aċċessibilità għall-karozzi għandha titqies bil-galbu. Għat-titjib tal-kwalità tal-arja urbana, il-karozzi elettriċi u x-xarabanks jistgħu jikkontribwixxu għal tranżizzjoni għal tnaqqis fil-materja partikolata u l-emissjonijiet tal-NOx. Dan jista' jinkiseb billi jiġi skoragħgħut l-użu ta' trasport li jniġġes permezz tal-għeluq ta' żoni – pereżempju, bit-twaqqif ta' żoni ambjentali – u fl-istess ħin billi l-ħinjiet tal-ivvjaġġar għal forom nodfa ta' mobbiltà jsiru iqsar minn dawk il-forom li jniġġsu;

10. jirrikonoxxi li jeħtieġ li tinstab soluzzjoni interoperabbli għall-provvista ta' fjuwils alternattivi. Filwaqt li l-KtR jirrikonoxxi li l-leġislażjoni u r-regolamenti għall-kisba ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi għandhom jikkunsidraw kull tip ta' teknoloġija, l-awtoritajiet lokali u reġjonali kollha jistgħu jistinkaw sabiex jiksbu ekonomiji ta' skala, possibbilment billi jikkooperaw ma' reġjuni ġirien u reġjuni transkonfinali;

11. jilqa' b'sodisfazzjon l-ambizzjoni li jiġi ssemplifikat l-akkwist pubbliku għal vetturi nodfa, iżda diffiċli jara kif il-proposta tal-Kummissjoni bil-għan li jiġu stabbiliti miri abbażi tal-perċentwali għal kull Stat Membru għall-akkwist ta' vetturi nodfa ser tiġi implimentata fil-liġi u infurzata. L-awtoritajiet lokali u reġjonali joperaw il-biċċa l-kbira tat-trasport pubbliku f'hafta Stati Membri u l-Istat ma għandu l-ebda setgħa deċiżjonali dwar liema vetturi għandhom jixtru, iwella, jikru jew jilhq u qbil dwarhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Bħala dawk li jaġixxu minn tal-ewwel biex jadottaw, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma faċilitaturi ewlenin ta' teknoloġija nadifa fit-trasport. Fl-istess ħin, għandu jiġi enfasizzat li l-infrastruttura stabbilita għat-trasport pubbliku lokali normalment ma tkunx adattata għal karozzi privati u, għaldaqstant, ebda effetti konsegwenzjali immedjati ma għandhom ikunu mistennija. L-iffinanzjar tat-tranżizzjoni lejn trasport nadif għandu jkun garantit. Il-finanzjament li tpoġġa għad-dispożizzjoni mill-Unjoni Ewropea mhux biżżejjed biex ikunu finanzjati dawn il-miżuri ambizzjużi fin-netwerks tat-trasport pubbliku lokali, li ġeneralment joperaw bit-telf. Il-Kummissjoni, għalhekk, hija mistiedna biex tippromovi alternattivi ta' finanzjament addizzjonali lil hinn mill-użu tal-istrumenti finanzjarji, li bħala regola, ma joffrux għajnuna minħabba l-prospetti negattivi ta' redditu fuq l-investment;

12. jiġbed l-attenzjoni għall-"Platform for the Deployment of Clean Buses" (il-Pjattaforma għall-Użu ta' Xarabanks Nodfa), li l-Kummissjoni Ewropea nediet fil-plenarja tal-KtR f'Lulju 2017 u li rċeviet appoġġ konsiderevoli mill-awtoritajiet lokali u reġjonali. B'rabta ma' dan, ir-reġjuni, il-bliet, l-awtoritajiet tat-trasport u l-manifatturi aderixxew mal-prinċipji komuni għall-akkwist pubbliku ta' xarabanks nodfa, li jaħdmu bi fjuwil alternattiv, sabiex jithaff l-użu tagħhom;

13. huwa tal-fehma li l-governanza tal-UE sabiex jitnaqqas l-impatt klimatiku tas-settur tat-trasport għandha tkun ibbażata fuq il-benefiċċji klimatiki u s-sostenibilità mill-perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja, u għandha tkun ukoll newtrali mil-lat ta' teknoloġija;

14. jemmen li l-investment fit-trasport pubbliku b'emissjonijiet baxxi u fil-flotot ta' karozzi pubbliċi għandu jsir b'tali mod li jħeġġeġ lis-sidien ta' karozzi privati u kummerċjali jsew l-istess passi. Dan jista' jinkiseb permezz ta' sinerġiji fl-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-idroġenu. Fondi tal-UE jistgħu jkunu disponibbli sabiex jippermettu dan;

15. jaħseb li l-pjani għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi għandhom imorru lil hinn mis-soluzzjonijiet fit-tarf tal-katina (end-of-pipe) u għandhom ikunu allinjati mal-introduzzjoni ta' produzzjoni u distribuzzjoni ta' elettriku u fjuwils rinnovabbli minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

16. jinnota li l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' batteriji jaqdu rwol strateġiku fit-tranżizzjoni kontinwa lejn mobbiltà nadifa u sistemi ta' enerġija nadifa. Fl-istess ħin, ma hemm l-ebda attur sinifikanti fiċ-ċelloli tal-batteriji fl-Ewropa. Għalhekk, il-KtR jilqa' bi pjaċir l-alleanza Ewropea tal-Batteriji, li tgħin biex l-industriji Ewropej isiru aktar indipendenti u biex jiżied is-sehem fil-katina tal-valur tal-produzzjoni tal-vetturi elettriċi. Il-KtR jilqa' bi pjaċir l-allokazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea ta' EUR 200 miljun direttament għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-batteriji taħt l-Orizzont 2020, minbarra l-EUR 150 miljun li diġà ġew allokati;

17. jirrimarka li l-użu wiesa' tal-vetturi elettriċi se jżid b'mod konsiderevoli d-domanda tal-elettriku fuq in-netwerks tal-elettriku. Jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa għall-mobbiltà u l-iċċarġjar billi jinħolqu ċikli ta' ċċarġjar intelliġenti fi żmien meta n-netwerks mhumiex limitati u qed jiġi ġġenerat biżżejjed elettriku. Huwa essenzjali li jiġu integrati d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u tal-provvista tal-enerġija, il-grilji intelliġenti u s-soluzzjonijiet innovattivi għall-ħżin tal-enerġija; Għaldaqstant hemm il-ħtieġa li jkunu involuti b'mod attiv l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni lokali, responsabbli mill-iżvilupp/ġestjoni tal-grilja elettrika;

18. jinnota li l-infrastruttura għall-iċċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil għandha tiġi żviluppata abbażi tal-kundizzjonijiet lokali u għandu jsir użu mis-sinerġiji mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-vetturi pubbliċi u s-servizzi tal-merkanzija urbani. Jeħtieġ li din tiġi allinjata mal-iżvilupp ta' grilji intelliġenti u binjiet bil-batteriji. Din għandha tkun aċċessibbli għall-karozzi privati u r-roti. Ir-riforniment tal-fjuwil għandu jkun faċli biex jintuża u interoperabbli bejn il-fruntieri. Dan jeħtieġ azzjoni Ewropea sabiex jinħolqu suq uniku;

19. jemmen li s-semplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-offerti jwasslu biex ma jkunx meħtieġ li jsir adattament finanzjarju u jagħmluha aktar faċli biex jinkiseb finanzjament mill-fondi Ewropej u mill-investituri privati – pereżempju, bl-użu ta' metodi ta' finanzjament ġodda bħat-taħlit ta' għotjiet ma' self;

It-tweġġ ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi – Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u l-ħaddiema tagħha – COM (2017) 675

20. jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni qed iżżid l-appoġġ finanzjarju biex tingrana l-investment pubbliku u privat għat-tnedija tal-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, filwaqt li saru disponibbli massimu ta' EUR 800 miljun għal dan l-iskop. Il-KtR għandu dispjaċir dwar il-fatt li l-finanzjament u r-riżorsi finanzjarji ta' spiss ma jkunux aċċessibbli biżżejjed għal xi awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet oħra importanti. It-taħlit ta' finanzjament – bħall-aċċess għas-self, pereżempju permezz tal-FEIS u bih – għandu jiġi promoss. L-aċċess għall-finanzjament għandu jkun standardizzat u permiss permezz tal-ħruġ ta' bonds;

21. jinnota li ż-żoni li huma partikolarment vulnerabbli għat-tniġġis għandhom ikunu jistgħu jimponu taxxi fuq it-trasport li jniġġes. L-introjt minn dan jista' jintuża sabiex jiġu adottati miżuri ta' sostenibilità. Fil-bliet, il-ħlasijiet tan-nollijiet jew il-miżati tal-parkeġġ jistgħu jintużaw għall-ħlas tal-mobbiltà sostenibbli – pereżempju billi jsir investment fit-trasport pubbliku jew f'faċilitajiet tal-park and ride;

22. ifakkar li r-reġjuni ultraperiferiċi jbatu minn konġestjoni tat-traffiku fil-bliet u fil-meded mal-kosta, u diffikultajiet ta' aċċess għaż-żoni rurali. Madankollu, f'dawn ir-reġjuni qegħdin jiġu żviluppanti proġetti sabiex it-trasport isir aktar sostenibbli u nadif, li jistgħu jservu bħala eżempji ta' prattiki tajbin għal reġjuni oħrajn tal-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha.

Għall-akbar użu tal-fjuwils alternattivi: – Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi – dokument mhux legiſlattiv – COM(2017)652

23. jilqa' bi pjaċir il-Pjan ta' Azzjoni għal infrastruttura ta' fjuwils alternattivi bħala pass importanti lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tat-trasport bit-triq; jinnota b'dispjaċir, madankollu, li l-biċċa l-kbira tal-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali (NPF) li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni ma kinux ambizzjużi biżżejjed biex jaslu għal għan xieraq għal tranżizzjoni lejn fjuwils nodfa u alternattivi;

24. jirrimarka li bosta bliet u reġjuni Ewropej huma minn ta' quddiem nett fit-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet baxxi u b'emissjonijiet zero. Il-fjuwils alternattivi se jkollhom ukoll l-akbar impatt fuq il-bliet f'termini ta' tnaqqis fit-tniġġis tal-arja u l-istorbju. Sfortunatament, dan tal-aħħar mhuwa kopert bl-ebda mod mill-Pjan ta' Azzjoni. Proporzjon sinifikanti ta' akkwist pubbliku jsir ukoll minn awtoritajiet muniċipali u lokali. Għalhekk, huwa evidenti li l-użu ta' vetturi bi fjuwil alternattiv jiddependi bil-bosta fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali, prinċipalment fil-bliet u r-reġjuni urbani. Il-bliet u r-reġjuni li għandhom problemi ta' konġestjoni, kwalità tal-arja u storbju għandhom jipprioritizzaw it-tranżizzjoni lejn emissjonijiet zero ta' materja partikolata u NOx – kif għandhom jagħmlu wkoll iż-żoni ta' wirt naturali jew kulturali. Meta dawn ikunu żoni u kurituri transkonfinali, għandu jiġi mħeġġeġ ippanar f'dan il-livell;

25. jinnota li l-aħjar integrazzjoni possibbli fi pjani individwali ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMPs) se tkun aspett essenzjali. Hawnekk, l-isfida ewlenija li jaffaċċjaw il-bliet hija l-limitazzjoni tal-ispazju, li tfisser li l-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi jeħtieġ li tkun allinjata mal-infrastruttura eżistenti ta' mezzi oħra tat-trasport. Fil-proċess tal-ippjanar tal-mobbiltà urbana, il-kooperazzjoni mill-qrib ma' partijiet interessati pubbliċi u privati differenti se tkun essenzjali sabiex tiġi żgurata tnedija bla xkiel ta' fjuwils alternattivi fil-bliet;

26. jenfasizza l-fatt li d-deċiżjonijiet meħuda mill-bliet, idealment f'kollaborazzjoni ma' partijiet interessati ekonomiċi u oħrajn, se jonqsu milli jkollhom impatt pożittiv jekk il-konsumaturi ma jkunux involuti b'mod xieraq. Jekk l-użu tal-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi ma jkunx konformi mal-aspettattivi u x-xewqat tal-konsumaturi, hemm riskju ta' użu limitat. Għalhekk, hija wkoll ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jinfluwenzaw l-imġiba tal-utenti biex jitħeġġeġ l-aktar użu wiesa' ta' fjuwils alternattivi. Huwa ta' importanza kruċjali li s-servizzi li jużaw fjuwils alternattivi, bħat-trasport pubbliku u servizzi oħra, jibqgħu aċċessibbli u affidabbli;

27. jirrimarka li hemm differenzi reġjonali li jinfluwenzaw l-użu ta' fjuwils alternattivi. Għar-reġjuni periferiċi, is-sistema tal-elettromobbiltà attwali jaf ma tkunx l-għażla ppreferuta, filwaqt li din tista' tkun freġjuni urbani. Bidu malajr għar-reġjuni Ewropej b'riżorsi sostanzjali u bi kwistjonijiet aktar urġenti relatati mal-kwalità tal-arja u l-istorbju jista' jfisser li – bis-saħħa tal-iskala, il-massa kritika u l-prezzijiet aktar baxxi tagħhom – ir-reġjuni periferiċi jistgħu jibbenefikaw, wara l-2025, minn teknoloġiji ppruvati u spejjeż aktar baxxi;

28. jirrimarka li fil-bliet, fejn l-elettromobbiltà tista' tidher bħala l-għażla ppreferuta, jeħtieġ li din tiġi allinjata mad-distribuzzjoni tal-enerġija u mal-bżonn ta' enerġija f'ċerti sghat fejn ikun hemm l-akbar domanda. Hawnekk, huwa importanti li jkun hemm bafer u li l-elettriku jinħażen fuq skala kbira, pereżempju f'battery kbar u tal-idroġenu (ċelloli tal-fjuwil);

29. ifakkar, fl-istess kuntest, li l-elettromobbiltà ġeneralment mhix il-mezz adattat biex ikun garantit trasport pubbliku komprensiv fiż-żoni rurali. Il-ħinjiet twal ta' ċċarġjar tax-xarabanks u d-distanzi limitati jfissru li, sakemm jiġu żviluppati teknoloġiji xierqa, għandha tinżamm l-għażla għall-propulsjoni b'emissjonijiet baxxi (inklużi l-karozzi ibridi rikarikabbli). Fl-istess ħin għandhom jiġu żviluppati soluzzjonijiet għaż-żoni rurali fil-futur qrib, li jistgħu jkunu appoġġjati permezz ta' proġetti pilota;

30. jirrimarka, b'referenza għar-rapport dwar "Il-konnessjonijiet neqsin fit-trasport fir-reġjuni tal-fruntiera" (2017/C 207/05), li hemm potenzjal kbir f'sinerġiji minn kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ispiża għall-iżvilupp tal-infrastruttura. Freġjuni transkonfinali, għandu jiġi żgurat li t-teknoloġija ppreferuta taż-żewġ Stati Membri tkun interoperabbli u żviluppata bl-għan li tissodisfa l-ħtiġijiet transkonfinali u mhux dawk domestiċi biss;

31. jenfasizza l-importanza li l-bliet ikunu kapaċi wkoll jiġġestixxu l-użu ta' vetturi b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' materja partikolata u NOx permezz ta' regolamenti dwar l-aċċess urban. L-introduzzjoni taż-żoni industrijali għandha tissegjes fuq analiżi lokali u tiġi deċiża fil-livell lokali. Għall-UE, il-kwistjoni hija li jiġu pprovduti l-kundizzjonijiet adatti permezz ta' qafas komuni għall-introduzzjoni taż-żoni ambjentali u li dan jiġi enfasizzat bħala soluzzjoni għat-titjib tal-kwalità tal-arja. Madankollu, għandu jkun possibbli li l-korpi lokali u reġjonali jiddeċiedu għalihom innifishom dwar jekk għandhomx jiġu introdotti ż-żoni, u jekk iva fliema livell;

32. jenfasizza l-fatt li l-finanzjament ma jstax isir mill-awtoritajiet lokali u reġjonali waħedhom u jinnota li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi firxa wiesgħa ta' strumenti ta' finanzjament iżda hija pjuttost konservattiva fir-rigward tal-ispiża tal-provvista tal-użu ta' infrastruttura alternattiva u potenzjalment ottimista żżejjed fir-rigward tal-użu tal-finanzjament permezz ta' fondi privati fl-ewwel fażi;

33. iqis li l-konċessjonijiet bl-għan li jiksbu emissjonijiet zero għandhom jiġu inċentivizzati u jingħataw durata itwal jew estensjoni jekk jintlaħqu l-oġettivi intermedji u finali. Huwa importanti wkoll li jiġu estimi l-possibbiltajiet għal skemi ta' akkwizzizzjoni tajba. Dan jiżgura li l-partijiet ikunu jistgħu jirkupraw l-investimenti tagħhom aktar malajr;

34. jemmen li huwa meħtieġ finanzjament Ewropew għall-konċessjonijiet tat-trasport pubbliku biex tikber it-ftittxija għal emissjonijiet zero. Il-finanzjament Ewropew għandu jintuża biex jstimula l-innovazzjoni u jkopri l-investment, sabiex parti akbar mill-flotta tkun tista' topera mingħajr emissjonijiet fil-bidu tal-konċessjoni;

35. jirrimarka li, fit-tfassil u l-bini ta' binjiet fil-futur, jiġu provduti punti ta' ċċarġjar u l-installazzjoni ta' wajers minn qabel (pre-cablling);

36. jitlob ambizzjoni akbar fir-rigward tas-sehem ta' stazzjonijiet għall-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku. (Fil-Pjan ta' Azzjoni, kull Stat Membru għandu jiżgura l-istabbiliment ta' għadd minimu ta' punti ta' iċċarġjar għall-vetturi elettriċi sat-tmiem tal-2020, li mill-inqas 10 % minnhom għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku. L-iżvilupp ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jirrifletti l-kundizzjonijiet lokali u reġionali u d-domanda. Huwa smat li fl-2025, fl-Ewropa, 2 miljun punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi elettriċi ser ikunu meħtieġa, li 70 % minnhom huma fiż-żoni urbani. Għandha tingħata prijorità lill-kurrituri ewlenin tan-netwerk tat-TEN-T b'sinla sħiħa ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi sal-2025. Huwa mistenni li bit-tagħmir tal-inqas tan-nodi urbani tan-netwerks ewlenin u komprensivi tat-TEN-T b'biżżejjed punti tal-iċċarġjar (rapidu) u ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku il-fiduċja tal-investituri u tal-konsumaturi għandha tissaħħaħ. Kundizzjonijiet ekwi internazzjonali għandhom jinħolqu bi protokoll miftuħa u interoperabbiltà, b'tali mod li s-sewwieq elettroniku jkun jista' jagħmel użu internazzjonali tal-infstruttura tal-iċċarġjar mingħajr imblokki. Punti tal-mili bl-LNG suffiċjenti huma wkoll meħtieġa għat-traffiku tal-merkanzija u t-tbaħħir. Il-Kumitat jitlob għal għan ambizzjuż ta' 2 000 punt tal-mili bl-LNG fl-Ewropa skont il-ħtiġijiet lokali u reġionali.

37. jirrimarka li l-muniċipalitajiet għandhom ikunu involuti, sabiex jiġi żgurat li l-pjani u l-kunsiderazzjonijiet għall-iżvilupp urban rilevanti jiġu inklużi fl-għażla tal-postijiet għall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku biex jiġi żgurat li ċ-ċarġers jitqiegħdu fil-postijiet it-tajba u li ma jkun hemm l-ebda "tqegħid żejjed taċ-ċarġers" inklużi fpostijiet li ma jrendux profit;

38. jitlob ambizzjoni akbar fir-rigward tal-punti ta' riforniment tal-idroġenu. Punt ta' riforniment tal-fjuwil wieħed għal kull 300 km huwa ftit wisq f'żoni b'popolazzjoni densa. Dan għandu jsir skont l-għadd ta' abitanti, b'punt ta' riforniment ta' fjuwil wieħed għal kull 300 000 abitant;

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija – COM(2017) 653

39. jilqa' bi pjaċir l-adattament tar-regoli li jhegġegħ lill-awtoritajiet lokali u reġionali biex jakkwistaw vetturi nodfa. Il-Kumitat jilqa' wkoll it-tneħħija tal-kalkolu ta' "kwantifikazzjoni (monetarisazione)" u l-inklużjoni ta' forom oħra ta' akkwist; Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni lejn id-definizzjoni stretta ħafna ta' vetturi nodfa, u jisħaq li dan għandu jkompli jiġi rivedut sabiex l-awtoritajiet lokali u reġionali jkun jistgħu jeżerċitaw diskrezzjoni u jkollhom alternattivi kosteffettivi u reali fl-akkwist f'reġjuni differenti u għal bżonnijiet differenti tat-trasport;

40. jenfasizza l-fatt li anke jekk il-proporzjon ta' vetturi b'akkwist pubbliku huwa baxx meta mqabbel mal-għadd globali ta' vetturi f'belt, l-eżempju pożittiv stabbilit mill-awtoritajiet lokali u reġionali jista' jkollu impatt f'termini ta' domanda tas-suq u jkollu impatt pożittiv fuq il-manifatturi tal-karozzi, li min-naħa l-oħra jista' jstimula wkoll id-domanda privata. Id-Direttiva għandha tapplika biss jekk ikun mistenni li l-eżitu tal-offerta se jkun ta' benefiċċju suffiċjenti;

41. jiddeplora l-piż finanzjarju kbir fuq l-operaturi tat-trasport pubbliku, u għalhekk fuq l-awtoritajiet lokali u reġionali, li jirriżultaw minn kwoti għoljin ferm għall-akkwist ta' xarabanks li jaħdmu bi fjuwils alternattivi. Ħafna bliet u reġjuni diġà għandhom flotta li hija fil-parti l-kbira tagħha eletrica, fil-forma ta' trammijiet, metros u trolleybuses, li mhux tittieħed inkonsiderazzjoni. Għalhekk, trid titqies il-flotta tal-vetturi kollha, u mhux biss ix-xarabanks, fir-rigward tal-akkwist ta' "vetturi nodfa";

42. jappella biex tingħata definizzjoni ta' vetturi nodfa fuq il-bażi ta' emissjonijiet li jistgħu jitkejlu b'mod objettiv taħt kundizzjonijiet reali ta' sewqan. Dan huwa l-uniku mod biex tinkiseb ċertezza għal pjanar fit-tul għall-awtoritajiet kontraenti pubbliċi; Sabiex jinkisbu vetturi b'emissjonijiet zero, għandhom jittieħdu passi fit-tranżizzjoni. L-emissjonijiet zero għadu mhux fattibbli fil-modalitajiet kollha ta' trasport tal-merkanzija u t-tbaħħir. Il-bijogass u l-bijokarburanti huma meħtieġa bħala fjuwil ta' tranżizzjoni. Sistemi eżistenti jistgħu jinżammu sakemm il-materja prima użata hija ta' oriġini lokali u ma tiġix importata. Il-bijogass għandu jintuża għas-sistemi b'rekwiżit termali qawwi.

43. jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni li jkun hemm definizzjoni ċara ta' vetturi ħfief nodfa. Huwa importanti li jkun hemm standards komuni u definizzjonijiet ċari sabiex il-gvernijiet ikunu jistgħu jivvalutaw, iqabblu u jivverifikaw offerti minn partijiet; Madankollu, huwa tal-fehma li d-definizzjoni għandha tinkludi n-newtralità teknoloġika u li l-impatt fuq il-klima għandu jiġu evalwat minn perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja. Barra dan, il-fjuwils ta' tranżizzjoni bħall-bijogass jew bijokarburanti oħrajn huma meħtieġa, speċjalment għat-trasport tal-merkanzija u t-tbaħħir, u għandha tittieħed kunsiderazzjoni taħthom.

44. fir-rigward tal-vetturi tqal, jilqa' bi pjaċir l-approċċ tal-proposta li huwa ġeneralment newtrali fir-rigward tat-teknoloġija, iżda fl-istess ħin jenfasizza l-fatt li l-lista ta' "teknoloġiji nodfa" hija, per se, limitazzjoni fuq in-newtralità teknoloġika u teskludi teknoloġiji bħall-bijofjuwils jew il-bijogass sintetiċi. Il-bijogass huwa fjuwil ta' tranżizzjoni importanti għall-vetturi tqal. F'xi reġjuni, speċjalment fil-pajjiżi Nordiċi, l-investiment ftali teknoloġiji, li ma jagħmlux ħsara lill-klima iżda mhux neċessarjament huma emissjoni zero mill-iżbukk tal-egżost, jista' jiġi mxekkel mill-fatt li dawn ma jiġux inklużi fil-lista ta' teknoloġiji permessi. Dan jista' jkun ukoll tħassib dwar is-sussidjarjetà. Teknoloġiji oħra ta' propulsjoni, inklużi fjuwils likwidi u gassużi kompletament ħielsa mill-karburanti fossili bħall-HVO100 u l-bijometan, joffru wkoll potenzjal kbir għal mobbiltà nadifa;

45. jinnota li bħalissa hemm opinjonijiet differenti dwar iż-żmien tal-applikazzjoni tar-regoli. Jappella, f'dan il-kuntest, li l-kalkolu fl-ewwel u t-tieni perjodu jibda fl-2025 u l-2030 rispettivament u biex l-istess miri japplikaw għall-Istati Membri kollha;

46. jappella għal ċertezza ta' pjanar fit-tul kif ukoll għal perjodi ta' tranżizzjoni suffiċjenti għall-awtoritajiet kontraenti. Fid-dawl tal-adattamenti tal-infrastruttura meħtieġa b'raba ma' akkwisti ġodda, jeħtieġ li tingħata kjarifika li r-regoli tal-akkwist pubbliku se japplikaw biss għal kuntratti ġodda;

Proposta għal Regolament li jemenda r-regoli għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank – (COM(2017) 647)

47. jenfasizza, hawnhekk, il-fatt li x-xarabanks għadhom inqas ekoloġiċi mill-ferroviji u li r-rotot ewlenin bejn il-bliet u r-reġjuni huma koperti minn dan il-mezz ta' trasport. Il-kowċis użati għal distanzi twal jistgħu jkunu komplementari għall-ferroviji u jistgħu jkunu attraenti meta mqabbla mal-karozzi privati;

48. jappella għal ċertezza ta' pjanar fit-tul kif ukoll għal perjodi ta' tranżizzjoni suffiċjenti għall-operaturi tat-trasport pubbliku u l-awtoritajiet kontraenti.

49. huwa tal-fehma li, fil-ftuħ tas-suq għal xarabanks, kowċis internazzjonali, huwa importanti li jiġi żgurat li jinżammu r-regoli tas-suq intern u s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, sabiex jiġi żgurat aċċess universali u moviment liberu;

50. jinnota li l-proposta tagħti lill-korp regolatorju l-possibbiltà li jirrifjuta applikazzjoni meta analiżi ekonomika oġġettiva turi li se jixxekkel il-bilanċ ekonomiku ta' kuntratt tas-servizz pubbliku. Madankollu, il-KtR jemmen li s-servizzi kollha tax-xarabank, pubbliċi u privati, huma soġġetti għall-istess rekwiżiti ta' emmissjonijiet baxxi.

Operaturi tas-servizz regolari kummerċjali m'għandhomx jimminaw l-obbligi tas-servizz pubbliku ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, liema analiżi tagħhom ma għandhiex tkun limitata għal termini ekonomiċi iżda f'sens usa'. Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, is-servizzi tax-xarabanks privati għandhom ukoll jissodisfaw ir-rekwiżiti għal emmissjoni baxxa;

Proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar it-trasport ikkombinat tal-merkanzija – (COM(2017)648)

51. jilqa' bi pjaċir l-impatt ta' din il-proposta fuq il-bidla tas-sistema tat-trasport lejn waħda aktar ekoloġika; jirrimarka li hemm żoni li l-piż tagħhom jista' jittaffa biss permezz ta' bidla modali mill-vetturi tat-triq għal ferroviji, passaġġi tal-ilma u/jew permezz ta' trakkijiet elettriċi. F'dan ir-rigward, it-terminals intermodali huma prerekwiżit importanti. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jintroduċu punti ta' ċċarġjar u punti ta' riforniment ta' fjuwil li jappoġġjaw kemm it-trasport pubbliku kif ukoll tal-merkanzija. Huwa fundamentali li jkomplu jiġu promossi miżuri ta' appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tat-trasport ikkombinat: kemm għajjnuna għall-investiment f'terminals ġodda, b'analiżi tal-kost-benefiċċju li tirrifletti l-esternalitajiet tat-trasport, kif ukoll għajjnuna għal investiment fl-operazzjonijiet, tal-inqas fl-ewwel snin, inkluż l-ammortizzament tar-riżorsi materjali meħtieġa.

Brussell, il-5 ta' Lulju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ